



Dokument ta' sessjoni

A9-0029/2024

2.2.2024

RAPPORT

dwar it-talba għat-tnejhija tal-immunità ta' Eva Kaili
(2023/2007(IMM))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Ilana Cicurel

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	3
ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPOREUR IRČEVET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	6
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	7

PROPOSTA GĦAL DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-talba għat-tnejħija tal-immunità ta' Eva Kaili (2023/2007(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għat-tnejħija tal-immunità ta' Eva Kaili, imressqa fil-15 ta' Diċembru 2022 mill-Kap Prosekurur Ewropew, u mħabba fis-seduta plenarja fid-19 ta' Jannar 2023,
 - wara li sema' lil Eva Kaili, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tiegħu,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0029/2024),
- A. billi l-Kap Prosekurur Ewropew talab it-tnejħija tal-immunità parlamentari ta' Eva Kaili fil-kuntest ta' investigazzjoni li għaddejja dwar atti li x'aktarx jikkostitwixxu reat kbir ta' istigazzjoni ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, imwettqa ripetutament, li rriżultaw f'dannu ta' aktar minn EUR 120 000 u EUR 150 000, punibbli b'terminu ta' priġunerija ta' bejn 5 u 15-il sena, kif previst fl-Artikolu 46(1), l-Artikolu 52(2) u l-Artikolu 98(2) tal-Kodiċi Kriminali Grieg u fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 4(2)(b) tal-Liġi Nru 2803/2000, flimkien mal-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 386(2) tal-Kodiċi Kriminali Grieg, l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 26(3) tal-Liġi Nru 4689/2020;
- B. billi, b'segwitu għal rapport tal-OLAF irregjistrat mill-Kap Prosekurur Ewropew fl-1 ta' Lulju 2021, il-Prosekurur Delegat Ewropew Grieg fetaħ l-investigazzjoni inkwistjoni fit-8

¹ ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1

² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-Sentenza tal-Qorti Ġeneralis tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI:EU:C:2011:543; is-Sentenza tal-Qorti Ġeneralis tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

ta' Settembru 2021; billi fit-12 ta' Novembru 2021, f'konformità mar-responsabbiltajiet tagħha, il-Prosekuratur Ewropew delegata inkarigata mill-każ talbet lill-OLAF jippreżenta d-dokumenti tal-każ; billi, wara li analizzat il-każ, fit-2 ta' Frar 2022, talbet investigazzjoni ulterjuri mill-OLAF u t-traduzzjoni tad-dokumenti tal-każ mill-Ingliż għall-Grieg fis-7 ta' Frar 2022; billi l-OLAF ippreżenta r-rapport finali u d-dokumenti ta' sostenn tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2022 u t-traduzzjonijiet korrispondenti fl-14 ta' Diċembru 2022;

- C. billi l-irregolaritajiet allegati li Eva Kaili kienet taf bihom jirrigwardaw b'mod partikolari:
 - a) nuqqas minn wieħed mill-assistenti parlamentari akkreditati (APAs) tagħha mill-jwettaq l-obbligi tiegħu li jkun preżenti fuq il-post tax-xogħol tiegħu bejn it-28 ta' Settembru 2015 u t-2 ta' Lulju 2019 u mill-qadi ta' dmirijietu,
 - b) it-tressiq ta' talbiet għal ordnijiet ta' missjonijiet u dikjarazzjonijiet ta' spejjeż u l-ġbir ta' rimborżi fir-rigward ta' missjonijiet mhux imwettqa minn erbgħa mill-APAs ta' Eva Kaili, bejn Frar 2016 u Marzu 2018 fil-każ tal-ewwel APA, bejn Mejju 2015 u Frar 2020 fil-każ tat-tieni APA, bejn Diċembru 2015 u April 2019 fil-każ tat-tielet APA, u bejn Ottubru 2014 u Frar 2020 fil-każ tar-raba' APA,
 - c) il-ħlas ta' parti mis-salarji/spejjeż tal-missjonijiet ta' APA lil Eva Kaili fuq talba allegata tagħha, bejn it-28 ta' Settembru 2015 u t-2 ta' Lulju 2019;
- D. billi, minn naħħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħħa l-oħra, il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tnejha tal-immunità, jitqies bħala "akkużat"³;
- E. billi l-allegat reat ma jikkonċernax opinjonijiet jew voti mitfugħha minn Eva Kaili fil-qadi ta' dmiri jieħiha bħala Membru tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;
- F. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew jibbenefikaw, fit-territorju nazzjonali tagħhom, minn immunitajiet mogħtija lid-deputati tal-parlament nazzjonali ta' pajjiżhom;
- G. billi l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika jipprevedi, fost affarrijiet oħra, li matul il-leġiżlatura, id-deputati ma għandhomx jiġu mħarrka, arrestati, miżmuma l-ħabs jew inkella sottomessi għal xi restrizzjoni oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Parlament;
- H. billi l-għan tal-immunità parlamentari huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbi minn dawn l-attivitajiet;
- I. billi, f'dan il-każ, il-Parlament ma setax jikkonstata l-eżistenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri elementi fattwali li jindikaw li l-proċedimenti legali inkwistjoni nfetħu bl-intenzjoni li ssir ħsara lill-attività politika tal-Membru u għalhekk tal-Parlament Ewropew;

³ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, *Briois vs il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Eva Kaili;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbi tiegħu lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u lil Eva Kaili.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRČEVIED KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà eskużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jisseemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	24.1.2024	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	20 0 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Gunnar Beck, Ilana Cicurel, Ibán García Del Blanco, Virginie Joron, Pierre Karleskind, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Raffaele Stanganelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jorge Buxadé Villalba, Pascal Durand, Angelika Niebler, Witold Pahl, Nacho Sánchez Amor, Jana Toom	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Benoît Biteau, Christian Ehler	